IL-FGURA

Minuti tal-laqgħa 29, laqgħa b'urġenza, tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 28 ta' April, 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-19:00.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur P Dalli |
| **Kunsilliera:** | Is-Sur C. Bonello<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R. Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur J. Zammit |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur Rene Zammit talab li jkun skużat għal din il-laqgħa peress li jinsab ma jiflaħx (Ara 'DOK A' anness). Il-Kunsillieri preżenti aċċettaw it-talba tiegħu li jkun skużat.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Rapport Finanzjarju

1.01 Is-Sindku stieden lill-Accountant is-Sur Lawrence Cauchi sabiex jispjega x'kienu jinkludu l-aġġustamenti mitluba fuq ir-rapport finanzjarju.

1.01.1 Is-Sur L Cauchi nnota li permezz tal-aġġustamenti mitluba mill-Awdituri, kien hemm varjazzjoni pożittiva ta' madwar EUR 3,600 fis-*surplus* rappurtat qabel. Innota li tali bidliet kienu dovuti għall-metodu li bih kien meħtieġ li jkunu rappurtati ċifri relatati ma' *Released Grants, Malta Government Stocks* u l-Proġett taż-Żgħażagħ.

1.01.2 Is-Sindku saqsa kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsillieri fil-konfront tas-Sur L Cauchi, u fin-nuqqas ta' dan

is-Sindku rringrazzja lis-Sur L Cauchi, li min-naħa tiegħu ħareġ mill-kamra.

1.01.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4041/15/7 "Sabiex jiġu approvati *Report and Financial Statements for the year ended 31 December 2014*". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur R Ellul, Sur R Deguara, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jinkitbu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 4041/15/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:06.

Sindku

Segretarju

'DOK A'

# Fwd: Skuzat

Christopher Cutajar [chris.a.cutajar@gmail.com]
**Sent:** 23 April 2015 17:13
**To:** Fgura Local Council at DLG

---------- Forwarded message ----------
From: **Rene Zammit** <info@zammitrene.com>
Date: 2015-04-28 14:26 GMT+02:00
Subject: Skuzat
To: Christopher Cutajar <chris.a.cutajar@gmail.com>

Sur Segretarju,

nixtieq ninfurmak li llum ma nistax nattendi ghal laqgha b'urgenza ghax ninsab ma niflahx b'virus. Nixtieqek taghmilni skuzat.

Grazzi tassew,
Rene